Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 10/2016

**Luigi Caruana (appellat)**

**Vs**

**V. Petroni Limited (appellanti)**

19 ta' Mejju, 2017.

1. Fit-2 ta' Gunju, 2016 l-attur harrek lis-socjeta konvenuta fit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur u talab is-somma ta' hames mitt ewro (€500) fir-rigward ta' sufan (3 Recliners 738 Brown Leather) li xtara minghandha ghall-prezz ta' sitt mija u disa' u sittin ewro (€669).

2. B'sentenza tas-7 ta' Dicembru, 2016 it-Tribunal laqa' t-talba tal-attur u kkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' hames mitt ewro (€500), *"… u b'dan illi r-recliners jigu propjreta tas-socjeta intimata, u l-ispejjez kontra l-istess intimat"*.

3. Is-socjeta konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:

   i. L-azzjoni tal-attrici hi preskritta ai termini tad-Direttiva 1999/44 li hi parti mil-ligi lokali.
   ii. M'huwiex minnu li l-oggett kellu l-hsara.
   iii. L-avukat tas-socjeta konvenuta kien gie nfurmat bid-data tas-smiegh gurnata qabel u ghalhekk ma kienx inghata bizzejjed avviz biex jidher rapprezentant tas-socjeta konvenuta.

4. L-attur ipprezenta twegiba u ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

5. Wara li l-qorti qrat l-atti u semghet it-trattazzjoni tosserva:-

   i. Quddiem it-Tribunal is-socjeta konvenuta kienet kontumaci. Skont regolament
   12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi:

   *"Jekk l-intimat ma jattendix seduta, l-Arbitru jista' jiddeciedi t-talba kontra dak l-intimat"*.

   ii. Il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-5 ta' Lulju, 2016. Dakinhar, id-difensur tal-konvenuta baghat email l-ufficcju tat-

Tribunal u nforma lis-segretarja tat-Tribunal li r-rapprezentant tal-konvenuta kien imsiefer u ghalhekk talab differiment. F'dik is-seduta xehed l-attur u l-kawza kienet differita ghas-seduta tal-20 ta' Settembru, 2016. Ghal darb'ohra dakinhar tas-seduta d-difensur tal-konvenuta rega' baghat email lill-istess persuna u gharrafha li r-rapprezentant tas-socjeta konvenuta kien imsiefer u talab li l-kawza tinstema' f'gurnata ohra. Mill-verbal tas-seduta jirrizulta li t-Tribunal laqa' t-talba u ddiferixxa l-kawza ghas-seduta tas-27 ta' Settembru, 2016. Fit-22 ta' Settembru 2016 id-difensur tal-konvenuta rega' baghat email fejn talab differiment iehor ghar-ragun li fis-27 ta' Settembru, 2016 il-klijent tieghu kien ser ikun imsiefer u talab li s-seduta ssir wara s-16 ta' Ottubru, 2016. Mill-imsemmi verbal hu evidenti li t-Tribunal rega' biddel id-data tas-smiegh, din id-darba ghat-18 ta' Ottubru, 2016. Fl-14 ta' Ottubru, 2016 id-difensur tal-konvenuta baghat email lill-ufficcju tat-Tribunal fejn talab id-data tas-seduta li kien imiss. Fis-17 ta' Ottubru, 2016 fis-7.19 ta' filghodu, intbaghtet email fejn gie nfurmat li s-seduta kienet ser issir l-ghada fis-1.00 pm. Ghas-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2016 attenda biss l-attur u l-kawza thalliet ghas-sentenza. Ghalkemm il-konvenuta ghamlet rikors sabiex it-Tribunal ma jatix is-sentenza u jiffissa seduta wahda ghall-provi tal-konvenuta, it-talba giet michuda (digriet tas-26 ta' Ottubru, 2016).

Minn dawn il-fatti l-uniku konkluzjoni li l-qorti tasal ghaliha hi li s-socjeta konvenuta ma tistax tilmenta li ma kellhiex bizzejjed zmien biex taghmel l-arrangamenti biex jattendi rapprezentant taghha. It-Tribunal kien ilu x-xhur jiffissa seduti biex jattendi r-rapprezentant tal-konvenuta u kull darba jinghata differiment fuq talba tieghu. Wara l-verbal tas-seduta tat-22 ta' Settembru, 2016 kien fl-interess tal-konvenuta li tizgura li tinghata d-data tad-differiment li jmiss fl-iqsar zmien possibbli. Ghalkemm waqt it-trattazzjoni d-difensur taghha sostna li talab kemm-il darba biex jinghata d-data u t-taghrif inghata biss gurnata qabel, din m'hijiex raguni valida. Li hu zgur hu li min-naha tat-Tribunal ma sehh l-ebda nuqqas. Jekk ma nghatax it-taghrif meta ntalab, allura kien fl-interess u fid-dmir tas-socjeta konvenuta li tibghat rapprezentant taghha r-Registru tat-Tribunal u jinsisti li jinghata d-data tad-differiment jew jitlob li jara l-file tal-kaz biex jara l-verbal. Hu evidenti li ma sar xejn minn dan. Fic-cirkostanzi l-ilment tas-socjeta konvenuta hu michud.

iii. L-attur isostni li l-oggett ma kellux hsara. Pero' l-atti juru mod iehor (ara traskrizzjoni tad-depozizzjoni tal-attur, ritratti u email tal-15 ta' April, 2016).

iv. L-azzjoni tal-attrici m'hijiex preskritta. Fir-rikors tal-appell intqal li l-oggett inxtara f'Mejju, 2014. Hu minnu li l-attur ipprezenta l-kawza fit-2 ta' Gunju, 2016. Skont l-artikolu 78 tal-Kap. 378:

> *"Il-kummercjant ghandu jkun responsabbli taht id-disposizzjonijiet tal-artikoli 73 u 74 meta l-konsumatur jinduna bin-nuqqas ta' konformita' fi zmien sentejn mill-kunsinna tal-oggetti. Dan il-perjodu ghandu jigi sospiz sakemm idumu ghaddejjin in-negozjati bejn il-kummercjant u l-konsumatur bil-ghan li jintlahaq ftehim amikevoli".*

Fis-sentenza **Paul Ellul Bonici et vs United Automobiles Ltd** tat-2 ta Ottubru, 2009, din il-qorti qalet:

> *"Fil-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti l-Artikolu 78, korrettement interpretat, ghandu jfisser illi biex il-konsumatur ma jinkorrix fl-estinzjoni taz-zmien ghall-proponiment ta' l-azzjoni tieghu huwa htieglu jiskopri n-non-konformita` ta' l-oggett mixtri fi zmien sentejn mill-kunsinna ta' dak l-oggett. Mhux bizzejjed li hu jinduna bin-nuqqas fi kwalunkwe zmien, ikun x'ikun, imma li fiz-zmien il-perjodu statutorju ta' sentejn mill-kunsinna huwa jintebah bin-non-konformita`".*

Pero l-ligi tikkontempla wkoll li l-perjodu ta' sentejn ikun sospiz meta l-partijiet ikunu qeghdin f'negozjati bil-ghan li jiftehmu. Fil-kaz in ezami jirrizulta li fi Frar, 2016 l-attur kien irregistra lment mal-konvenuta u fl-24 ta' Frar hadu s-sufan u fil-15 ta' April, 2016 irritornawh. Ghaldaqstant kien hemm zgur perjodu ta' kwazi xahrejn li fih kien hemm sospensjoni tal-perjodu ta' sentejn. Ghaldaqstant, meqjus li:

(a) Il-konvenuta qalet li l-bejgh sar f'Mejju, 2014; u
(b) Kien hemm perjodu ta' cirka xahrejn li fihom is-sufan kien qieghed ghand il-konvenuta ghat-tiswija, matul liema zmien il-perjodu li jissemma fl-artikolu 78 kien sospiz; u
(c) L-attur ipprezenta l-kawza fit-2 ta' Gunju, 2016;

l-azzjoni ma kinitx perenta meta l-attur ipprezenta l-kawza.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.**

Anthony Ellul.